MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2011

Numru. 380/2011

Il-Pulizija
(Sp Trevor Micallef)
vs
Amila music, bint Hassan, imwieled l-Isvizzera fid-29 ta' Awwissu, 1991, Passaport Svizzeru numru X2475998

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli f'dawn il-Gżejjer, fil-5 ta' Marzu, 2011 għal ħabta tat-3.15 a.m. ġewwa Triq San Ġorġ, San Ġiljan:
1. attakat jew għamlet reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb kontra PS928 Ramon Mifsud Grech persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
2. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi mingħajr il-ħsieb li toqtol jew li tqiegħed l-ħajja fil-perikolu ċar, ikkaġunat feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PS928 Ramon

Mifsud Grech, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita' kompetenti;
3. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi nġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' PS928 Ramon Mifsud Grech, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qiegħed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li tbezzgħu jew li tinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
4. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassret, għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ ħaddieħor u cioe' vettura tal-għamla Mitsubishi, bin-numru tar-reġistrazzjoni ABF 859, liema ħsara tiskorri €116.47 iżda mhux aktar minn €1,164.70 għad-dannu ta' Costantine Borg;
5. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi qabdet armi, strumenti u għodod oħra li jiġu klassifikati bħala armi regolari;
6. fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament kissret il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b'għajjat u ġlied.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Marzu, 2011 fejn l-imputata ħallset seduta stante d-danni li jammontaw għall-€585.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Marzu, 2011 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputata dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 95, 96, 216, 325(1)(b) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 3 u 51(1)(a) tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali netta u il-fatt li d-danni tħallsu fil-ġurnata ta' l-inċident. Għalhekk, tikkundannaha għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputata tikkometti

reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------